**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 13 ta' Lulju 2023**

**Rikors Nru. 1098/2022 GM**

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**

**vs**

**Norman Spiteri (Karta tal-identita` Numru 41461M)**

**u Sandra Spiteri (Karta tal-identita` 21466M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' HSBC Bank Malta plc ("Il-Bank") li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

1. L-intimati huma debituri tas-soċjeta` attriċi fl-ammont kumplessiv ta' wieħed u għoxrin elf mija u sitta u għoxrin ewro u erba' u segħin ċenteżmi (€21,126.48) liema ammont huwa dovut mill-intimati in kwantu għas-somma ta' euro19,990.26 rappreżentanti kapital u 1,136.48 rappreżentanti imgħaxijiet ikkalkulati sas-6 ta' Ottubru 2022 u dan in konnessjoni ma' faċilita' ta' mutwu fuq Maxi Credi b'riżerva għall-imgħaxijiet ulterjuri mis-6 ta' Ottubru 2022, sad-data tal-effettiv pagament, u dan kif riżultanti mill-annessi statements;

2. L-intimati huma wkoll debituri tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' €12,014.40 liema ammont huwa dovut mill-intimati in kwantu għas-somma ta' €11,293.93, rappreżentanti kapital u €720.47 rappreżentanti imgħaxijiet ikkalkulati sas-6 ta' Ottubru 2022 u dan in konnessjoni ma' faċilita' ta' Maxicredit b'riżerva għall-imgħaxijiet ulterjuri mis-6 ta' Ottubru 2022 sad-data tal-effettiv pagament, u dan kif riżultanti mill-annessi statements.

3. Għalkemm interpellati permezz ta' ittri ġudizzjali sabiex tħallsu l-ammont dovut l-intimati baqgħu ma ħallsux, biex b'hekk tilfu l-benefiċċju taż-żmien mogħti lilhom.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1 Tiddikjara illi l-intimati m'onorax il-pagamenti miftiehma u b'hekk iddekada mill-benefiċċju taż-żmien;

2 Tiddikjara illi l-intimati huma debituri tal-Bank rikorrenti fis-somma totali ta' €33,141.14 dovuta ai termini tal-kuntratt ta' self u bejgħ tal-10 ta' Settembru 2009 u 5 ta' Novembru 2010 magħmul in atti tan-nutar Dr Jean Paul Farrugia. Bl-imgħax ta' 8% mis-6 ta' Ottubru 2022 fuq is-somma indikata sad-data tal-pagament finali liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

3 Tikkundanna, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja, lill-intimati jiħallsu lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' tlieta u tletin elf mija wieħed u erbgħin ewro u erbatax-il-ċenteżmu (€33,141.14) bl-imgħax ta' 8% mis-6 ta' Ottubru 2002 fuq is-somma indikata sad-data tal-pagament finali liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

Rat li l-konvenuti ġew debitament notifikati iżda baqgħu kontumaċi.

Rat li ngħataw skont il-liġi żmien biex jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet iżda naqsu li jagħmlu dan.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat li l-pretenzjonijiet tal-Bank attur ġew ippruvati.

***Decide***

Għal dawn il-motivi l-Qorti:

1. Tilqa’ l-ewwel talba billi tiddikjara illi l-konvenuti m'onorawx il-pagamenti miftiehma u b'hekk iddekadew mill-beneficċċju taż-żmien;

2. Tilqa’ t-tieni talba billi tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tal-Bank attur fis-somma totali ta' €33,141.14 dovuta *ai termini* tal-kuntratt ta' self u bejgħ tal-10 ta' Settembru 2009 u 5 ta' Novembru 2010 magħmul in atti tan-nutar Dr Jean Paul Farrugia. Bl-imgħax ta' 8% mis-6 ta' Ottubru 2022 fuq is-somma indikata sad-data tal-ħlas effettiv.

3. Tilqa’ t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-Bank attur l-ammont ta' tlieta u tletin elf mija wieħed u erbgħin ewro u erbatax-il-ċenteżmu (€33,141.14) bl-imgħax ta' 8% mis-6 ta' Ottubru 2022 fuq is-somma indikata sad-data tal-ħlas effettiv.

Spejjeż a kariku tal-konvenuti f’ishma indaqs bejniethom.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA